# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Mejju - Ġunju 1987 Nru. 36


***Il-Kelma ta' l-Arċipriet:***

## INTI KIF QED TITLOB?

Dan l-aħħar iltqajt ma' din l-istorja li nħoss li għandi ngħidha lilkom:

"Xi suwed f'pajjiż fl-Amerika Ċentrali darba ltaqgħu flimkien f'waħda mill-knejjes tagħhom biex jitolbu għax-xita li kienet ilha ma tagħmel ix-xhur sħaħ. F'daqqa waħda deher il-Kappillan li mar fuq l-altar u beda jċanfar lin-nies qatta' bla ħabel: 'L-Aħwa tiegħi, in-nuqqas ta' fidi tagħkom huwa tassew skandaluż. Jiġifieri ġejtu titolbu għax-xita, u lanqas biss wieħed minnkom ma ġab umbrella biex ma jixxarrabx hu sejjer lura d-dar' ".

Min jaf aħna kemm il-darba f'ħajjitna tlabna bl-istess mod ta' dawn is-suwed ta' l-istorja. Inħossu l-ħtieġa tat-talb, nafu li l-qalb għandu saħħa kbira quddiem Alla, iżda imbagħad, ma nkunux konvinti b'dak li qed nitolbu.

Kristu stess jgħidilna, kif naqraw il-Vanġelu ta' San Mark, (11,24) li **"kull ma titolbu fit-talb tagħkom emmnu li tkunu ġa qlajtuh, u jingħatalkom".**

Anke Mons. Mikiel Azzopardi, il-Fundatur u d-Direttur tad-Djar tal-Providenza, fis-Siġġiewi, li miet ftit tal-jiem ilu, jagħtina eżempju mill-iżjd ħaj tal-fidi li huwa kellu meta f'intervista li kellu ftit jiem qabel ma miet kien qal: **"Alla għandu ferm iżjed ġid milli d-Djar tal-Providenza għandhom bżonn; u żgur li ma jħallihomx nieqsa fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. U jien dan nitolbu 'l Alla kuljum, u naf li jismagħni u jagħtina dak li nitolbuh".**

Nieħdu l-eżempju ta' dan is-Saċerdot qaddis: nitolbu. Nitolbu kuljum. Nitolbu bil-ħerqa. Iżda fuq kollox nitolbu bil-fidi. Dak li jista' kollox, mhux ser jonqos mill-kelma tiegħu ma'dawk li fit-talb tagħhom jemmnu li jkunu diġa qalgħu dak li qed jitolbu.

*L-Arċipriet*

### GĦOTJA SABIĦA LIS-SEMINARJU FL-EŻERĊIZZI

Din ta' hawn taħt hija kopja ta' l-ittra ta' ringrazzjament mibgħuta mir-rettur tas-Seminarju Fr. Arthur G. Vella S.J. li biha qed jirringrazzja lill-Parroċċa ta' San Ġorġ għall-għotja ta' Lm711.26,0 għas-Seminarju tad-Djoċesi. Dawn il-flus inġabru waqt l-Eżerċizzi Spiritwali li saru fil-Parroċċa tagħna. Is-somma ta' 'l fuq minn seba' mitt lira hija l-ikbar somma miġbura mill-parroċċi kollha tad-Djoċesi Għawdxija.

Għażiż Mons. Arċipriet.........................

Is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù,
Victoria, Għawdex, Tel. 556479

**JIRRINGRAZZJA**

LILL - PARROCCA SAN GORG

tal-Ġabra ta' £711-26.0..................

*Sinjal ta' l-interess, il-kooperazzjoni u l-imħabba tiegħek lejn is-Seminarju.*

*F'isem sħabi u f'isem is-Seminaristi, nitolbok tgħarraf lill-komunità u tirringrazzjahom għalina. Għidilhom li l-ħajja tagħna fis-Seminarju hi biss biex inwassluhom lil* **KRISTU**.

*Niżgurawkom mit-talb tagħna għalikom ilkoll u nsellu ħafna għalikom.*

Arthur G. Vella SJ
**Fr. ARTHUR G. VELLA S.J.**

.................................
**Rettur.**

***Kun Ġeneruż***
***agħti sehmek***
***għall-Festa Tagħna***

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

*Editorjal*

# LEJN IL-FESTA

Meta tasal f'idejkom din il-ħarġa ta' "IL-BELT VICTORIA" ikun baqa' inqas minn xahrejn biex niċċelebraw il-festa tal-padrun tagħna u t'Għawdex San Ġorġ Martri.

Il-jiem ta' tħejjija għall-festa ġa bdew. Bdew spiritwalment nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju meta ngħata bidu fil-Bażilika tagħna għad-disa' Ħamisijiet bi tħejjija għall-festa. U bdew ukoll xhur ilu mill-Każin tas-Soċjetà 'La Stella' biex tħejji kollox għall-festi esterni li jsiru fl-okkażjoni tal-festa. It-tnejn huma tħejjijiet meħtieġa.

It-tħejjija spiritwali permezz tal-Ħamisijiet ta' San Ġorġ għandha tqanqal fina iżjed ħeġġa biex nitgħallmu mill-qaddis tagħna kif għandna ngħixu ħajja nisranija kif iridna nagħmlu Sidna Ġesù Kristu. U propju għalhekk f'parti oħra ta' din il-ħarġa qiegħdin nippubblikaw l-omelija li għamel Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, nhar it-Tnejn 27 ta' April, festa Liturġika ta' San Ġorġ. Biex nixbħu lil San Ġorġ u tassew nqimuh bħala padrun tagħna irridu nkunu nsara li jkollna kuxjenza retta, kuxjenza ffurmata mit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja li huwa waqqaf. Irridu wkoll fil-preparazzjoni tagħna għall-festa nkunu nsara li jkollna volontà qawwija li dak li nemmnu nwettquh bla biża'. Irid ikollna wkoll, biex inkunu Ġorġjani veri, qalb mimlija tjubija mhux biss għal dawk li jħobbuna imma wkoll għal dawk li jweġġħuna u jkasbruna. Din il-ħidma ta' preparazzjoni hemm bżonn li tqajjem fina nġieba tajba, inġieba nobbli, inġieba li minnha ningħarfu li verament aħna s-segwaċi ta' Kristu mexjin fuq l-eżempju tal-Martri Ġorġi. Din għandha tkun it-tħejjija tagħna biex f'nofs Lulju niċċelebraw denjament il-festa tagħna.

It-tħejjija l-oħra, it-tħejjija għall-festi esterni, wkoll jixirqilha l-attenzjoni tagħna għax hija parti mill-folklor tagħna. U minn hawn inrodu ħajr lill-membri ħabrieka tas-Soċjetà Filarmonika "La Stella" u lis-Sotto Kumitat tal-Festa li bla heda u bla waqfien dejjem sejrin fil-ħidma tagħhom biex il-festa tagħna tkompli tkun il-festa ewlenija ta' l-Għawdxin. Iżda l-membri tal-Kumitat waħedhom m'humiex biżżejjed biex iwettqu dak li jkun hemm bżonn għall-festi esterni. Ikollhom bżonn parruċċani oħrajn i jgħinu biex il-festi esterni wkoll jkunu ta' ġieh lil kbir Megalomartri San Ġorġ.

J'Alla f'dawn il-jiem ta' tħejjija San Ġorġ jgħinna ngħarfu aktar il-missjoni tagħna ta' insara fid-dinja ta' llum biex il-festi kbar li ngħamlu f'nofs Lulju juru li San Ġorġ huwa verament il-mudell, għalina, li rridu nkunu nsara maturi.

### Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

**14.3.87:**
ANNELISE, bint John Saliba u Josephine neè Cauchi
**14.3.87:**
ANNA MARIE bint Joseph Galea u Frances neè Said
**15.3.87:**
MARISABELLE bint Peter Paul Debono u Antonia nee Azzopardi
**28.3.87:**
AARON, bin Raymond Zammit u Mary Ann neè Saliba
**28.3.87:**
ANDREW, bin Felix Tabone u Pauline neè Cassar
**29.3.87:**
AMANDA, bint George Attard u Antonia neè Hili
**29.3.87:**
KENNETH-VICTOR, bin Raymond Cini u Roseanne neè Muscat
**29.3.87:**
AMANDA, bint Dominic Xuereb u Judith neè Cardona
**30.3.87:**
COREY, bin George Formosa u Gesualda neè Axiaq
**5.4.87:**
STEPHEN, bin Francis Borg u Maria neè Gatt
**5.4.87:**
EMMANUEL, bin Joseph Fenech u Georgina neè Vella
**11.4.87:**
CYNTHIA, bint Walter Said u Rose neè Bajada
**11.4.87:**
GEORGE, bin Gaetano Attard u Grace neè Cremona.
**19.4.87:**
RENATA, bint Saviour Formosa u Maria neè Refalo
**19.4.87:**
DONALD, bin Nazinu Micallef u Grace neè Attard.
**25.4.87:**
ANDREW, bin Baskal Grech u Maria neè Sacco.
**26.4.87:**
JOSMAR, bin George Farrugia u Josephine neè Attard
**3.5.87:**
GEORGE, bin Johnnie Galea u Yvonne neè Gauci
**3.5.87:**
KEVIN, bin Raymond Gauci u Sandra neè Camilleri

### Ingħaqdu fiż-Żwieġ Nisrani

**4.4.87:**
Carmel Borg u Vicky Said
**2.5.87:**
George Mercieca u Monica Micallef

### Ħallew dan il-Wied tad-Dmugħ

**9.3.87:** Maria Vella
**18.3.87:** Giovanna Mejlak
**20.3.87:** Concetta Buttigieg
**28.3.87:** Carmela Borg
**1.5.87:** Luigia Saliba
**6.5.87:** Ġulju Mizzi
**9.5.87:** George Micallef
**10.5.87:** Dolora Gatt

## Ħinijiet tal-Quddies fil-Għaxija

Matul il-Ġimgħa: 5.30 p.m., 7.00 p.m.
Ħdud u Festi: 5.00 p.m., 6.30 p.m.

# Sena Marjana 1987-1988

*Jikteb John Ellis*

*Aħbar li żgur ġiet milqugħa b'ferħ u pjaċir mill-Kattoliċi tad-dinja kollha kienet dik mogħtija mill-Papa fil-bidu ta' din is-sena, jiġifieri li fis-7 ta' Ġunju li ġej, nhar Għid il-Ħamsin, kien se jniedi Sena Marjana, li tibqa' sejra sal-festa ta' Santa Marija tas-Sena d-dieħla. Din is-Sena Marjana, qal il-Papa, għandha sservi ta' preparazzjoni għat-tielet millennju (2001-3000) mit-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.*

*Wieħed però jistaqsi: għaliex tniedi Sena Marjana bi preparazzjoni għal ġrajja li għandha sseħħ tlettax-il sena oħra? Personalment inħoss li l-Papa jista' jkollu raġunijiet oħra aktar urġenti mill-preparazzjoni għat-tielet millennju. Il-Papa jaf, forsi aktar minn kulħadd, l-istat kritiku li fih tinsab id-dinja tal-lum: dinja li fil-parti l-kbira tagħha warrbet lil Alla fil-ġenb u għamlet allat oħra mill-flus, pjaċiri bla rażan, ambizzjonijiet esaġerati ecc. Jaf sewwa l-Papa li Satana qed jinqeda bl-hekk imsejjaħ 'progress', 'moderniżmu', 'emanċipazzjoni' ecc. biex igħarraq lid-dinja tagħna taħt mewġa ta' indifferenza reliġjuża u permessività b'mod li kollox sar leċitu: abbużi sesswali, infedeltà fiż-żwieġ, l-użu ta' kontraċettivi, divorzju, omosesswalità, ewtanasja, abort u diżordnijiet oħra.*

*Barra minn dan, it-tellieqa għall-armamenti qerrieda ma heditx u l-periklu ta' katostrofi nukleari qatt m'hu 'l bogħod wisq. Żid ma' dawn tant tbatija ta' popli sħaħ imċaħħda minn drittijiet l-aktar fundamentali taħt reġimi totalitarji kif ukoll il-qagħda traġika ta' tant miljuni ta' nies minħabba żbilanċ fit-tqassim tal-ġid tad-dinja u wieħed jifhem kemm il-Papa jinsab imnikket u ħerqan għall-għajnuna mis-Sema.*

*Wieħed irid igħid ukoll li, bla dubju ta' xejn, il-Papa huwa nfurmat bil-ġrajjiet f'Medjugorje, il-Jugoslavja, fejn jingħad li l-Madonna qiegħda tagħti xi messaġġi lil xi żgħażagħ. Nafu li l-Madonna qiegħda tagħti xi messaġġi lil dawn iż-żgħażagħ li jinkludu anki kastigi lill-umanità jekk il-bnedmin ma jikkonvertux. Nafu wkoll li skond waħda mill-viżjunarji, il-Madonna qalet: 'Dan is-seklu li fih qed ngħixu hu taħt is-setgħa ta' Satana. Meta s-sigrieti li tajtkom iseħħu, is-setgħa tiegħu tinqered. Satana qed isir aggressiv, għaliex qed jitlef is-saħħa tiegħu, Qed ikisser żwieġijiet, joħloq konflitti mal-qassisin, jossessjona lin-nies, saħansitra joqtolhom. Għalhekk ipproteġu lilkom infuskom bit-talb, sawm u fuq kollox talb komunitarju. Ġeddu l-użu ta' l-ilma imbierek, ilbsu oġġetti sagri u Imbierka u poġġuhom id-dar tagħkom.'*

*Il-Papa li ikkonsagra l-pontifikat tiegħu lill-Madonna u jġib bħala motto 'Totus Tuus' ('Jien kollni tiegħek') għandu devozzjoni kbira lejn il-Madonna u fiduċja bla tarf fis-setgħa u l-protezzjoni materna tagħha. Matul din is-Sena Marjana huwa ħa jkun ta' ispirazzjoni kbira għall-Kattolċi kollha biex ilkoll induru lejn l-Omm tagħna tas-Sema u nitolbuha bil-ħerqa u l-fiduċja biex tisħaq ras Satana u ġġib is-Setgħa rebbieħa ta' Kristu fid-dinja kollha, bħalma Hi stess tatna ħjiel ta' dan ġo Fatima: 'Fl-aħħar il-Qalb Bla Tebgħa tiegħi tirbaħ....ir-Russja tikkonverti u żmien ta' paċi jingħata lid-dinja.'*



*Għalina l-Maltin u l-Għawdxin is-Sena Marjana ġiet f'mument opportun għax huwa żmien kritiku meta hemm bżonn isseħħ l-għaqda fostna biex nerġgħu nibdew ngħixu bħala poplu wieħed li jagħraf lil Ġesù biss bħala s-Sid u s-Salvatur tiegħu. J'Alla nidħlu minn issa fl-ispirtu tas-Sena Marjana u nitolbu bil-ħerqa 'l-Madonna għal dan il-għan speċjalment bir-Rużarju mqaddes għaliex hi stess wiegħdet lid-devoti tar-Rużarju permezz ta' San Duminku u l-Beatu Alan li dak li jitolbuha permezz tar-Rużarju jaqilgħuh.*

## Nota mill-Bord Editorjal

**Huwa ta' sodisfazzjon għall-Bord Editorjal li rivisti u ġurnali Maltin jagħmlu użu mill-materjal pubblikat fir-rivista tagħna. Dan huwa sinjal li dak li nippubblikaw huwa ta' livell tajjeb. Nixtiequ pero' li dawk li jagħmlu użu minn materjal pubblikat għall-ewwel darba fir-Rivista tagħna jindikaw dan fil-pubblikazzjoni tagħhom u nkunu grati li jibgħatulna kopja tal-ħarġa li fiha jkunu pubblikaw dan il-materjal. Dan l-aħħar dehru diversi artikli meħudin mir-Rivista 'IL-BELT VICTORIA' mingħajr ma ntqal li kienu meħudin mir-rivista tagħna.**

*Diskors ta' l-E.T. Mons. Nikol Cauchi,*
*Isqof t'Għawdex,*
*li għamel fil-festa liturġika ta' San Ġorġ,*
*fis-27 t'April 1987*

# SAN ĠORĠ: Mudell ta' Nisrani Matur

X'Inhu dak li l-iktar għandha bżonn il-Knisja fis-siegħa ta' llum?

Iwieġeb il-Konċilju Vatikan II u jgħidilna: "li l-ikbar bżonn u l-ikbar ħtieġa tal-Knisja fi żmenijietna hija l-ħtieġa ta' insara maturi". Difatti, fid-Digriet dwar il-Ħajja u l-Ministeru tas-Saċerdoti, "Presbyterorum Ordinis", il-Konċilju Vatikan II jgħidilna: "Xejn ma jiswew il-funzjonijiet sbieħ, xejn ma jfissru l-istrutturi li għandha l-Knisja jekk dawn ma jwasslux li nkunu **insara maturi;** jiġifieri bnedmin li jgħixu ħajja awtentikament nisranija.

Issa, fil-Megalomartri San Ġorġ aħna naraw l-mudell tan-Nisrani Matur: f'San Ġorġ hemm l-erba' noti li huma meħtieġa biex ikollna tabilħaqq il-Karattru Nisrani, biex ikollna maturità nisranija.

Liema huma dawn l-erba' noti?

Dawn huma l-Kuxjenza Retta, il-Qawwa tal-Volontà, it-Tjubija tal-Qalb u n-Nobilità fl-imġieba.

**Kuxjenza Retta:**

Nistgħu ngħidu li San Ġorġ kellu kuxjenza retta, għaliex biex jiġġudika dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin, ma mexiex fuq il-moda ta' żmienu, x'inhu dak li jista' jkollu l-approvazzjoni tal-bnedmin l-oħra; iżda ir-regola tal-ħajja tiegħu, San Ġorġ ħadha mit-twemmin li huwa ħaddan. Ir-regola tal-ħajja tiegħu kienet ir-regola tal-Vanġelu Mqaddes: iż-żewġ preċetti tal-Karità nisranija: l-imħabba t'Alla u l-imħabba tal-proxxmu.

Fuq dan huwa fassal il-ħajja tiegħu. Dan kien id-dawl li bih il-kuxjenza tiegħu kienet tiġġudika fuq kull egħmil li kien jagħmel fil-ħajja tiegħu kemm privata kif ukoll pubblika.

**Qawwa tal-Volontà:**

Iżda mhux biżżejjed il-kuxjenza retta, għaliex jekk il-kuxjenza hija meħtieġa biex aħna jkollna d-dawl u naraw it-triq li minnha għandna nimxu, imma meħtieġ ukoll il-**qawwa tar-rieda, il-qawwa tal-volontà tagħna.**

Difatti kemm hawn insara li jagħrfu x'inhu it-tajjeb, jagħrfu liema hija t-triq li minnha għandhom jgħaddu; jagħrfu x'irid Alla minnhom, imma imbagħad ma jkollomx il-ħila li jwettquh, għaliex ir-rieda tagħhom hija dgħajfa.

Mhux hekk kienet ir-rieda ta' San Ġorġ. Hija kienet rieda qawwija, rieda ta' l-azzar, rieda li kienet kapaċi tmur kontra l-kurrent, rieda li biex tagħmel it-tajjeb kapaċi tbati kwalunkwe uġigħ u kwalunkwe sagrifiċċju.

San Pier Damiani meta jikkommenta fuq il-ħajja ta' San Ġorġ jgħidilna: li San Ġorġ kien imħeġġeġ mill-Ispirtu s-Santu, u l-Ispirtu s-Santu jagħti d-doni tiegħu, u fost dawn id-doni ta' l-Ispirtu Qaddis t'Alla hemm ukoll id-don tal-qawwa, id-don tal-Kuraġġ, li bih aħna nsiru kapaċi li nagħmlu affarijiet kbar għall-Alla anke jekk dan ikun jiswielna tbatija, insiru kapaċi ukoll li nsoffru kollox basta nevitaw il-ħażen u nagħmlu dak li jrid Alla minna.

**Tjubija tal-Qalb:**

Barra minn kuxjenza retta u barra minn volontà qawwija li bihom kien kapaċi jmur kontra l-kurrent, San Ġorġ kellu ukoll it-tjubija tal-qalb. Difatti aħna fuqu naqraw li l-qalb tiegħu kienet tant tenera, kienet tant sensibbli li ġietu ħniena mill-ilsiera li kellu u tahom il-libertà. Ġietu ħniena ukoll mill- foqra u għalhekk qassmilhom il-ġid tiegħu.

Il-qalb tiegħu kienet qalb tixbaħ lil dak ta' Kristu. Il-qalb tiegħu kienet miftuħa għall-sentimenti ta' ħniena lejn il-proxxmu kif ukoll miftuħa għall-sentimenti ta' imħabba imħeġġa lejn il-Mulej.



**Nobilità fl-Imġieba:**

U din it-tieba tal-qalb, li hija xi ħaġa interna, dehret ukoll esternament, fin-nobilità tal-imġieba tiegħu, għaliex fil-bniedem li fih ikun hemm qalb edukata tabilħaqq, qalb imrawwma għat-tjubija, jkun hemm ukoll il-kelma ħelwa u fuq kollox l-imġieba tajba ma kulħadd.

Ġorġi fehem tajjeb il-kelmiet ta' Kristu: **"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja!"**

Biex wieħed jiċħad lilu nnifsu meħtieġ li jkun hemm qawwa ta' karattru; biex wieħed jiċħad lilu nnifsu meħtieġ li jitgħallem din il-virtù tat-tjubija mal-proxxmu kollu kemm hu. U hawn naraw il-kuntrast ta' dak li kien jiġri fl-armata Rumana.

Ġorġi, bħala suldat, suppost li għallmuh li għandu jkollu qalb xierfa, qalb iebsa, qalb iebsa, li ma tiġih ħniena

*ikompli f'paġna 6*

## It-Tfal Bniet li rċevew l-Ewwel Tqarbina fit-18 ta' Mejju 1987

Attard Elaine, Attard Josianne, Attard Marlene, Attard Simone, Azzopardi Claudette, Borg Cheryl, Borg Myriam, Camilleri Claudette, Camilleri Ina Maria, Caruana Michelle, Cassar Sarah, Cremona Antoinette, Farrugia Liliana.

Farrugia Sylvana, Fenech Myriam, Rapa Erika, Rapa Jaqueline, Rapa Marlene, Sagona Nicoline, Said Vanessa, Schembri Maria, Zammit Louise, Zammit Marion, Zammit Marlene.



## It-Tfal Subien li rċevew l-Ewwel Tqarbina fit-18 ta' Mejju 1987



Attard Christopher, Attard Stephen, Attard Tonio, Bonello Philip, Borg Noel, Bugeja Godwin, Ellis Joseph, Fenech Marvin, Gatt Ruben, Genuis Duncan, Grech George, Grech Kevin, Mercieca Ruben, Muscat James.

Portelli Antonio, Said Johann, Saliba Joeffrey, Scicluna George, Scicluna John Paul, Sultana Daniel, Theuma Anthony, Theuma Shaun, Vassallo George, Vassallo Jason, Vassallo Kevin, Vella George, Zammit Joseph.

## IT-Tfal Bniet li rċevew il-Griżma ta' l-Isqof fid-19 ta' Mejju 1987

Attard Maureen, Attard Anette, Attard M'Francesca, Bugeja Sylvana, Buhagiar Georgina, Caruana Alexandra, Cassar Julie, Debrincat Joanne, Ellis Georgina, Farrugia Irene.

Galea Monica, Muscat Pauline, Parnis Jacqueline, Portelli Marlene, Sacco Joanne, Sultana Christine, Vella Laura Vicuna, Vella Sharon, Xuereb Giorgianne



## It-Tfal Subien li rċevew il-Griżma ta' l-Isqof fid-19 ta' Mejju 1987



Abela Jotienne, Attard George, Attard Fabian, Azzopardi Frankie, Borg Darren, Borg Mario, Buhagiar Louis, Buttigieg Patrick, Camilleri George Joseph, Camilleri Joseph, Caruana Charlie, Cassar George, Cremona Martin, Cordina Mario, Farrugia Brian.

Fenech George, Galea Frank, Galea Joe, Grech George, Grech Frank George, Grima Michael, Mercieca Joseph, Portelli Jason, Refalo George, Sacco George, Saliba Brian, Sarè Robert, Spiteri George, Theuma Mark, Theuma Xerri Donald, Xuereb John.

*Ritratti: Xerri Photo Studio - Victoria*

# L-Ikla tal-Mulej fil-Bażilika ta' San Ġorġ

**Fl-okkażjoni tat-twaqqif tas-Sagramenti tas-Saċerdozju u ta' l-Ewkaristija f'Ħamis ix-Xirka, il-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Għawdex, organizza attività speċjali taħt l-isem ta' l-IKLA TAL-MULEJ.**

Din l-attivita bdiet billi Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa Quddiesa Kommunitarja għat-tfal/studenti li jattendu l-Grupp tal-Vokazzjonijiet. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof fakkar lil dawk preżenti li nhar Ħamis ix-Xirka, barra l-Ewkaristija, Kristu waqqaf ukoll is-Saċerdozju. Lill-Appostli Hu tahom is-setgħa li jibdlu l-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Il-qassisin, bħala suċċessuri ta' l-appostli, jużaw din is-setgħa fil-Quddiesa. Ta' dan kollu, għalhekk, għandna nroddu ħajr lil Alla talli, fuq kollox, is-saċerdoti qed ikomplu l-ħidma tiegħu.

Meta Kristu jsejjaħ, kompla Mons. Isqof, jistieden lil dak li jkun biex bħall-Appostli jippriedka l-kelma tiegħu, ikollu s-setgħa jibdel il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej matul il-Quddiesa, u bħall-Appostli wkoll ikollu s-setgħa jaħfer id-dnubiet. Fil-pjan t'Alla, xi wħud huma msejħa biex isiru saċerdoti. Għalhekk l-Isqof ħeġġeġ lil dawk preżenti biex jagħmlu żewġ affarijiet: "ITOLBU - biex tagħrfu s-sejħa tagħkom; GĦOŻŻU L-VOKAZZJONI - kunu bil-għaqal biex il-vokazzjoni ma titilfuhiex."

Fi tmiem il-Quddiesa, imbagħad, saret ikla għall-istudenti u t-tfal preżenti bil-karatteristiċi essenzjali ta' l-Ikla ta' l-Għid li Kristu għamel mad-dixxipli tiegħu. Hekk, per eżempju, inqraw il-Ħallel jew is-Salmi 113-118 li jitkantaw mil-Lhud f'din l-okkażjoni. Matul din l-Ikla, li tmexxiet minn Mons. Arċipriet, il-Kan. Dun Salv Borg, ingħata t-tifsir, u tqassam il-ħobż ażżmu, l-imbid aħmar, il-ħaxix morr u l-ħaruf. Lejn tmiem l-Ikla tal-Mulej, sar ukoll il-ħasil tar-riġlejn ta' dawk kollha li kienu preżenti minn Mons. Arċipriet.

# *ROKNA GĦAT-TFAL*

Għeżież tfal,

Kif intom? Nittama li qegħdin tħejju ruħkom bil-għaqal għall-eżamijiet. Ara ma jfettlilkomx tħallu għall-aħħar. Titnikkrux u titgħażżnux! Aħjar ftit tas-sagrifiċċju issa, milli tagħmlu xi sajf tistudjaw.

Tfal, dal-waqt tasal il-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ. Imma fuq hekk, nitkellmu f'ħarġa oħra. Illum, nixtieq nagħtikom ftit "hints" fuq kif għandkom iġġibu ruħkom waqt l-ikel, għax jista' jkun hemm tfal li waqt li jkunu fuq il-mejda għall-ikla ta' nofs in-nhar jew ta' fil-għaxija, jagħmlu xi żbalji li jistgħu jdejqu lill-oħrajn li jkunu ħdejhom.

Dawn li ħejjin huma xi ftit suġġerimenti li xtaqt nagħmlilkom u li nixtieq li tatu ħafna każ tagħhom.

- Tgħallem żomm il-furketta u s-sikkina sewwa. Għandek tkun taf kif taqbad il-kikkra wkoll. Meta ma tkunx qed tuża l-furketta u s-sikkina, għandek tqegħidhom fil-platt u jekk tkun qed tieħu t-tè, qiegħed il-kuċċarina fil-plattina.
- Qatt tuża s-sikkina biex iddaħħal l-ikel f'ħalqek, għax għal dan hemm il-furketta.
- Jekk l-ikel jew is-soppa jew it-tè jkunu jaħarqu, mhix edukazzjoni li tonfoħ fuqhom biex tberridhom. Jekk ikollok it-tè, tista' żżidlu l-ħalib kiesaħ u jibred malajr.
- Waqt li tkun qed tixrob is-soppa, ixrobha bla ma tagħmel ħsejjes b'ħalqek. Jekk tmejjel il-platt biex tkun tista' terfa' s-soppa aħjar, mejlu mhux fuq in-naħa tiegħek, imma għan-naħa ta' barra. Ixrob is-soppa mill-ġenb ta' l-imgħarfa u mhux mill-ponta tagħha.
- Jekk ikollok is-soppa u tħobb tikolha bil-ħobż, titfax ħobż fis-soppa meta tkun quddiem in-nies, imma aqta' biċċiet żgħar, itfa' biċċa żgħira f'ħalqek, imbagħad ixrob imgħarfa soppa. Anki li tbill il-ħobż fiż-żalża, mhix ħaġa pulita għal quddiem in-nies.

Tfal għal-lum daqshekk. Nerġgħu niltaqgħu ma ndumux. Sa dak in-nhar insellmilkom u nitlob il-Bambin iberikkom.

*Ciao.*

*Iz-Ziju Peppi*

*jaqbad minn paġna 4*

minn ħadd u minn xejn. Is-suldati Rumani kienu jagħtu importanza kbira lill-vjolenza. Is-suldati Rumani, biex jaslu għall-iskop tagħhom, biex jaslu għar-rebħa, kienu lesti li jagħmlu ħerba liema bħalha, mingħajr rispett lil ħadd u lejn xejn.

Iżda mhux hekk kien jaħsibha San Ġorġ, li kien imdawwal bid-dawl sabiħ tal-fidi nisranija. Il-vjolenza ma għamiliex fuq l-oħrajn, iżda wettaqha fuqu innifsu. Hu ma fettix li jirbaħ lill-oħrajn, iżda għamel ħiltu kollha biex jirbaħ lilu nnifsu, biex ikun jista' jġorr salibu u jimxi wara Kristu.

Fuq kollox Ġorġi għaraf li biex ikun jista' jilħaq il-maturità tiegħu kien hemm bżonn li jkun kapaċi li jirregala lilu nnifsu, illi jagħti lilu nnifsu lill-oħrajn, illi jissagrifika lilu nnifsu għal ġid tal-oħrajn.

U għalhekk Ġorġi aċċetta s-sagrifiċċu tal-ħajja tiegħu, aċċetta li jieħu l-martirju, biex biċ-ċarċir ta' demmu jagħti prova mhux biss li hu tabilħaqq nisrani, iżda ukoll li hu jħobb b'imħabba l-iżjed kbira lill-Imgħallem divin tiegħu Sidna Ġesù Kristu.

**Meħtieġa għalina**

Kemm neħtieġuhom, għeżież uliedi, dawn il-virtujiet fi żminijietna.

Għalhekk illum, nitolbu lil San Ġorġ, Patrun tagħna, biex jakkwistalna mingħand Alla din il-grazzja tal-maturità nisranija. J'Alla lkoll kemm aħna nkunu maturi, billi aħna jkollna dawn l-erbgħa noti li aħna ammirajna fil-qaddis patrun tagħna. J'Alla, l-insara kollha ta' pajjiżna u tad-dinja kollha, ikunu tabilħaqq insara ġenwini, insara awtentiċi, insara li jagħtu xhieda ta' Kristu, l-Imgħallem tiegħu, biex b'dan il-mod, il-Knisja tabilħaqq tkun tista' tkompli twettaq il-missjoni tagħha, jiġu mirbuħa l-erwieħ u tingħata glorja lil Alla. Hekk ikun.

# IS-SALIB TA' KRISTU

*Mons Isqof N. Cauchi nhar l-Erbgħa tat-Tniebri f'Konc. Sol. Waqt il-Via Sagra fil-Bażilika ta' San Ġorġ.*

Bħall-Appostlu Missierna, San Pawl aħna għandna niftaħru bis-salib tal-Mulej tagħna Ġesù. Is-Salib ta' Kristu ġie msejjaħ is-Siġra tal-Ħajja. Xi jfisser meta ngħidu li s-Salib huwa s-Siġra tal-Ħajja? L-Ewwelnett is-Salib jissimbolizza u jfisser is-sagrifiċċju illi offra Kristu fuq il-Kalvarju. Kristu l-Iben t'Alla magħmul bniedem li offra lilu nnifsu, offra l-ħajja tiegħu biex jikseb il-fidwa ta' l-umanità. Mela, meta ngħidu s-salib aħna nifmhu mhux il-biċċa għuda, imma s-salib huwa sinjal illi jfisser xi ħaġa wisq iktar importanti. Ifisser il-ġrajja tas-Salvazzjoni. Ifisser is-sagrifiċċju suprem li għamel l-Iben t'All magħmul bniedem għall-imħabba tagħna l-bnedmin.

**Siġra tal-Ħajja.**

U għaliex ngħidu li s-Salib huwa s-siġra tal-Ħajja? L-għaliex is-Sagrifiċċju ta' Kristu kien il-bidu tal-ħajja tagħna. Is-sagrifiċċju ta' Kristu kien il-kawża tal-Ħajja spiritwali tagħna. Kieku ma kienx is-Sagrifiċċju li offra Ġesù għalina kieku aħna konna nibqgħu taħt il-ħakma tad-dnub, konna nibqgħu l-bogħod minn Alla u lsira tal-vizzji u l-passjonijiet tagħna.

**Ikel li Jagħti l-Ħajja**

Din is-Siġra tal-Ħajja, li huwa s-salib, il-frott tagħha huwa ikel bnin u l-weraq tagħha duwa. Dawn huma jiġifieri ż-żewġ effetti, iż-żewġ prodotti li aħna niksbu mis-sagrifiċċju ta' Kristu fuq il-Kalvarju. L-ewwelnett aħna mis-sagrifiċċju tal-Kalvarju nieħdu l-manteniment spiritwali tagħna, Kristu mhux biss offra s-sagrifiċċju, imma ried li din it-tifkira tas-sagrifiċċju, tibqa sejra sa l-aħħar taż-żminijiet. Fl-aħħar ċena tiegħu huwa qal lill-Appostli "Agħmlu dan b'Tifkira tiegħi". Is-sagrifiċċju tal-Kalvarju, mela, kellu jiġi rinnovat u jibqa' jiġġedded b'mod mistiku sa l-aħħar taż-żminijiet. U aħna minnu nieħdu l-ikel spiritwali tagħna li huwa t-Tqarbin, li huwa l-Ewkaristija. Ma nistgħux nifirdu min xulxin it-Tqarbin mis-Sagrifiċċju tas-Salib. It-Tqarbin huwa l-Prova, il-garanzija, illi Alla ħabbna, tant ħabbna, li bagħat l-Iben Uniġenitu tiegħu biex isofri għalina. It-Tqarbin huwa it-Tifkira ħajja ta' dik il-ġenerożità infinita li wera kristu hemm fuq il-Kalvarju.

**Duwa li Jfejjaq**

Iżda s-sagrifiċċju tas-Salib mhux biss huwa ikel, mhux biss huwa manteniment għar-ruħ tagħna, imma huwa wkoll duwa. Huwa wkoll fejqan għall-ġrieħi ta' ruħħna. Min minna jista' jgħid li r-ruħ tiegħu hija safja għal kollox. Min minna jista' jgħid li r-ruħ tiegħu hija b'saħħitha u li kapaċi taffronta kwalunkwe prova, kwalunkwe ħbit ta' l-għadu spiritwali tagħna. Kollha kemm aħna dgħajfin, Kollha kemm aħna nġorru fuqna d-dnub, jew għall inqas il-konsegwenzi tiegħu. Kollha kemm aħna għandna l-pjagi spiritwali tagħna. U l-pjagi tal-ġisem ta' Kristu huma r-rimedji għall-pjagi tar-ruħ tagħna. Is-sagrifiċċju ta' Kristu jakkwistalna mhux biss il-grazzja ta' l-indiema u tal-maħfra tad-dnubiet, imma wkoll il-qawwa biex inkunu kapaċi nidħlu għall-battalja spiritwali tagħna.

**Ngħożżu lis-Salib**

Għalhekk mela tajjeb li aħna jkollnadin il-għożża kbira tas-Salib. Tajjeb illi aħna nippruvaw nifhmu mill-aħjar li nistgħu l-imħabba kbira u l-ġenerożità li ma tistax titfisser li wriena Kristu meta miet għalina fuq il-Kalvarju.

F'dawn il-ġranet sbieħ tal-Ġimgħa l-Kbira meta aħna nerġgħu nfakkru b'mod sollenni flimkien ma' ħutna kollha ulied il-Knisja Kattolika, u anke aħna u nfakkru l-misteru tal-fidwa tagħa nagħmlu ħilitna biex mit-tifkira liturġika tas-sagrifiċċju tal-Mulej, ma tkunx sempliċiment festa li tiġi, tgħaddi u tmur, imma tkun għalina avveniment spiritwali ġrajja li tħalli profitt fir-ruħ tagħna. J'Alla kollha kemm aħna bl-indiema u bl-umiltà insegwu l-Kristu fit-triq tat-tbatija tiegħu, biex imbagħad ikollna wkoll sehem miegħu fil-glorja tal-Qawmien.


## IDEAL HOME EXHIBITION FL-ASTRA

Fl-10, 11 u 12 t'April fil-Kumpless tat-Teatru Astra nżammet l-Ideal Home Exhibition. L-edizzjoni ta' din is-sena kienet l-ikbar waħda li nżammet f'dan il-lokal, b'numru record ta' Stands. Uħud minn li Stands offrew bejgħ fuq il-post b'roħs sostanzjali; oħrajn ipparteċipaw biex jirreklamaw il-prodotti tagħhom li kienu għadhom ġodda fis-suq. Fost il-prodotti li kien hemm għall-wiri din is-sena nsibu għamara, kmamar tal-banju, xogħol tal-ġebla Maltija, ċeramika, arloġġi, għamara antika, pjanti, kwadri, ikel u xorb u bosta ħwejjeġ oħra għat-tiżjin tad-dar jew ta' użu għall-mara tad-dar.


## Festival tal-Films tal-Opra

Bl-inizzjattiva tal-Ġerman-Maltese Circle u l-koperazzjoni tas-Soc. Fil. La Stella, bejn l-20 u l-25 t'April li għadda inżamm Festival tal-Films tal-Opra fit-Teatru Astra. Il-Ġerman-Maltese Circle din is-sena qed tfakkar egħluq il-25 sena mit-twaqqif tagħha u dan il-Festival sar propju bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet biex ifakkru dan l-avveniment. Erba'films klassiċi ġew ippreparati matul is-sitt ijiem tal-Festival. Dawn kienu "Orpheus In The Underworld", opra moderna ta' Jacques Offenbach, "Help! Help! The Globolinks Are Coming", opra moderna ta' Gian Carlo Minotti, "The Flying Dutchman", opra romantika ta' Richard Wagner "The Cavalier Of The Rose", opra komika ta' Richard Strauss. L-erba' films kienu jappellaw mhux ftit lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-mużika operistika.


# ASTRA TOURS '87 — GARANZIJA TA' DIVERTIMENT

# PAĠNA TAS-SOCJETÀ 'LA STELLA'

## Wirja Tejatrali b'risq il-Karità

Il-Management tat-Teatru Astra għamel għotja ta' Lm120 b"risq il-karità f'Għawdex, liema somma inġabret minn wirja tejatrali tad-dramm reliġjuż "Int Fejn Sejjer?" li nżammet fit-Teatru Astra għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji u s-Seminarju t'Għawdex. Il-flus ġew ippreżentati lill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi mis-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali tas-Soċ. La Stella, waqt waħda mir-rappreżentazzjonijiet tal-istess dramm. Ix-Show tal-istudenti b'risq l-istituti tal-karità f'Għadwex saret bil-permess ġentili tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

## Il-Group Folkloristiku Astra

Nhar l-Erbgħa 22 t'April il-Group Folkloristiku Astra fetaħ il-programm tiegħu għal dan l-istaġun b'wirja stupenda ta' żfin u għana tradizzjonali fil-Buskett Roadhouse, ir-Rabat, Malta. Il-wirja saret quddiem numru sabiħ ta' aġenti tal-ivjaġġar, kemm lokali kif ukoll barranin. Wara dan l-ewwel spettaklu l-Group kompla bil-ħidma tiegħu f'Għawdex b'wirjiet f'Hotel ta' Cenc u Ta'Frenc Restaurant. Il-Group Folkloristiku Astra din is-sena kompla jissaħħaħ b'membri ġodda u issa kiber għal 35 ruħ. Il-Group huwa immexxi mill-koreografu tiegħu George Mejlak. Sadattant mit-3 ta' Ġunju 'l quddiem il-Group Astra se jibda jagħti servizz regolari ta' kull ġimgħa f'żewġ lokalitajiet differenti: f'Għawdex f'Hotel Ta' Cenc u f'Malta fil-Buskett Roadhouse.

## Qabel il-Festa

Bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ, il-Kumitat tal-Banda La Stella li għandu f'idejh it-tmexxija tal-festi ta' barra, ħaseb biex ifassal programm ta' ċelebrazzjonijiet li se jsiru fil-belt Victoria bejn it-12 u d-19 ta' Lulju. Fil-programm ta' din is-sena se jiġu mistiedna għal darb'oħra diversi baned,, fosthom il-Filar. King's Own u l-Banda popolari San Ġorġ ta' Ħal-Qormi. Intant ix-xogħol kbir ta' restawr li nbeda s-sena l-oħra fuq l-istatwi li jintramaw fil-ġranet tal-festa tkompla anke matul din is-sena, tant li bosta statwi oħra u saħansitra xi trofej u pedestall ġew restawrati u ridekorati. Dettalji sħaħ tal-programm tal-festa jitħabbru fil-ħarġa li jmiss.

## Astra Tours '87

Id-Direzzjoni tal-Astra Tours ħabbret il-programm tagħha ta' ġiti għal barra minn Malta għas-sajf li ġej. Din is-sena se jiġu organizzati tlett ġiti bejn Lulju u Settembru. L-ewwel ġita hija għall-Italja, Franza u l-Isvizzera u tinkludi żjarat lill-belt ta' Pariġi u Lourdes. It-tieni ġita hija għall-Italja u l-Isvizzera b'waqfiet f'għadd sabiħ ta' bliet kbar fosthom Venezja, Milan, Ruma, Firenze, Loreto, Assisi, Padova, Napli, Pompei u Lugano. It-tielet u l-akbar ħarġa tas-sajf hija għal ħames pajjiżi li tant jiġbdu turisti lejhom f'dan iż-żmien. Dawn huma t-Turkija, il-Greċja, il-Bulgarija, il-Jugoslavja u l-Italja. Sadattant l-Astra Tours diġa' ippjanaw ġita oħra għal Londra li hemm il-ħsieb li ssir bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

## *Id-Dramm "Int Fejn Sejjer?"*

Għal darb'oħra din is-sena l-Għaqda tal-Palk Astra offriet lill-pubbliku Għawdxi wirja oħra tejatrali ferm adattata għal żmien r-Randan. L-għażla ta' din is-sena waqgħet fuq id-dramm reliġjuż "Int Fejn Sejjer?", li jittratta dwar il-ħajja ta' San Franġisk.

Il-mijiet ta' Għawdxin li attendew għal xi waħda mit-tliet rappreżentazzjonijiet li saru bejn l-20 u d-29 ta' Marzu, se jgawdu waħda mill-isbaħ produzzjonijiet li nżammu fit-Teatru Astra f'dawn l-aħħar snin.

Bħal li kieku r-rectar tajjeb, il-ġmiel ta' xenarju u l-effetti sbieħ tad-dawl ma kienux biżżejjed biex jgħollu din il-produzzjoni, id-dramm ġie mżewwaq ukoll b'waqtiet twal mużikali, permezz tas-sehem taż-żewġ korijiet "Chorus Urbanus" u "Laudate Pueri" u koreografija eċċellenti. il-vestwarju, imbagħad, kompla għin mhux ftit għas-suċċess tal-produzzjoni.

Fuq kollox id-dramm kellu messaġġ qawwi x'iwassal. L-istess isem tad-dramm kien mistoqsija diretta lil dawk li għandhom widnejn biex jisimgħu u jifhmu. Id-dramm iservi ta' messaġġ għaż-żmenijiet tal-lum. Bħal Kristu, Francesco għadu ħaj, anke jekk stess għaddew kważi 800 sena mill-ġrajja tiegħu. Il-kliem, l-egħmil,il-ħajja tiegħu huma mibnija fuq il-vanġelu mqaddes, u għaliex il-



*San Franġisk (Mario Tabone) ma' Chiara (Maria Schembri) fid-dramm "Int Fejn Sejjer?"*

vanġelu huwa messaġġ għal kull żmien, daqshekk ieħor il-ħajja ta' Francesco hija xi ħaġa ħajja għalina lkoll.

Cast kbir ta' madwar 80 ruħ ħadu sehem f'dan id-dramm. Il-parti prinċipali, dik ta' Francesco, ġiet interpretata miż-żgħażugħ attur Għawdxi, Mario Tabone, b'Maria Schembri fil-parti ta' Chiara.

"Int Fejn Sejjer?", kitba ta' Patri Gwann Abela o.f.m. kellu produzzjoni u direzzjoni ta' Gorg Xerri.

A&M PRINTING LTD.-553217